NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Sett. / Ott. – Nov. / Dic 1998*    Nru. 103 - 104

# VESTIZZJONI TA' L-ABBATINI L-ĠODDA



**Nhar il-Ħadd 12 ta' Lulju 1998** waqt Koncelebrazjoni Konventwali preseduta mir-Reverendu Monsinjur Arcipriet Gużeppi Farrugia, għat-tfal kollha tal-Komunita Nisranija saret il-vestizzjoni ta' l-abbatini l-ġodda li għandhom iservu fil-Bażilka ta' San Ġorġ. Fir-ritratt jidhru l-abbatini kollha fosthom dawk ukoll li għamlu l-vestizzjoni f'din il-ġurnata.

Magħhom jidher ukoll Monsinjur Arcipriet u ż-żewġ seminaristi Jefrey George Attard u Tonio Galea. F'din l-istess celebrazzjoni ingħataw il-premjijiet lill-aħjar tifel u tifla tac-Centri tad-Duttrina waqt li intemmet il-kampanja ta' soliderjata u preżentazzjoni ta' għotjiet lir-Reverendu Dun Manwel Curmi, li hu direttur tal-Caritas Djocesana. Waqt din il-quddiesa il-kant kien immexxi mill-Chorus Urbanus taħt id-direzzjoni ta' Mro John Galea. ●

# AWGURI !

IL-BELT VICTORIA
*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*
*Ufficcju Editorjali:*
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex. • Tel / Fax : 55 63 77

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA` PARROKKJALI

05-07-98 NIKOLA bin Micheal Zahra u Mariella Cassar
13-07-98 GEORGE CHRISTOPHER bin Christopher Pisani u Sylvana Scicluna
22-07-98 CHRISTION bin Paul Tony Cauchi u Doris Cauchi
08-08-98 ALBERT bin Paul Curmi u Georgina Aguis
09-08-98 ELISE MARGUERITE bint Godfrey Borg u Sylvana Galea
29-08-98 CHANTELLE bint John Cauchi u Carmen Vella
30-08-98 JASON bin George Mercieca u Monica Micallef
12-09-98 JAHEL bint Raymond Cutajar u Pauline Xerri
12-09-98 TANICA bint Paul Sultana u Josephine Cutajar
13-09-98 ANDREI bin Dr Francis Farrugia u Bernadette Spiteri
19-09-98 ANTHONY bin George Attard u Patricia Spiteri
26-09-98 MARY JANE bint Publius Buttigieg u Carmen Cassar
24-10-98 GIOVANNI iben Paul Scicluna u Maria Pawla Refalo
25-10-98 GEORGE iben Saviour Micallef u Francene Zammit
01-11-98 EMMA bint Joseph Attard u Mary Gambin
15-11-98 MARCUS bin George Farrugia u Bernardette Axiaq
21-11-98 CHRISTIAN bin Victor Theuma u Sonia Bugeja
28-11-98 FRANCESCA bint George Farrugia u Maria Borg
06-12-98 DAVID bin Carmel Saliba u Joan Micallef
20-12-98 VALENTINA bint Crispin Parnis u Mary Anne Grima
24-12-98 ISABELL bint Joseph Buttigieg u Sharon Portelli

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

29-08-98 TWANNY FARRUGIA + GEORGINA BUHAGIAR
05-09-98 PATRICK FARRUGIA + ANNA MARIE VELLA
18-09-98 JOHN MARY DEBONO + MARIA VELLA
11-10-98 EMANUEL CASSAR + JOANNA ZAMMIT
17-10-98 LEWIS MERCIECA + CLAUDETTE BUGEJA
30-10-98 JOSEPH ATTARD + FLEUR GRISCTI
13-12-98 JOSEPH CAMILLERI + CLAIRE DEBONO
12-12-98 MARIO CHARLIE BALLUCI + SONIA CARUANA
19-12-98 ANTHONY ATTARD + IRENE FARRUGIA
19-12-98 DOMENIC XUEREB + VINCENZA CAMILLERI

## MARRU JINGĦAQDU MA` KRISTU RXUXTAT

20-07-98 JOSEPH BORG
07-08-98 MARIGWANN GRECH
03-09-98 LOUIS SAID
04-09-98 M'ASSUNTA FARRUGIA
08-09-98 GUZEPPI MICALLEF
10-09-98 GORG CUTAJAR
24-09-98 FRANS BORG
06-10-98 NIKOLINA BUGEJA
19-10-98 NICHOLAS GRECH
29-10-98 BERNARDA VELLA
17-11-98 COLIN WOLFE
12-12-98 ANGOLINA TABONE
15-12-98 FRANCESCO SACCO



## *Editorjal*

# Lejn l-Aħħar Sena tas-Seklu

Dalwaqt nagħtu bidu għall-aħħar sena tas-Seklu Wieħed u Għoxrin - l-1999. Ser intemmu Seklu li matulu aħna u missirijietna raw tibdiliet kbar fis-soċjeta tagħna.

Kellna matul dan is-seklu esperjenza ta' żewġ gwerer - waħda eqqel mill-oħra. Rajna kisbiet fix-xjenza li qatt ma konna noħolmu. Rajna lill-bniedem jirfes għall-ewwel darba fuq il-qamar. Rajna l-bidu mhux biss tax-xandir bir-radju, imma wkoll it-trassmissjonijiet bit-televiżjoni, saħansitra bil-kulur. Rajna u qed ngħixu l-esperjenza tar-rivoluzzjoni fil-qasam ta' l-informazzjoni teknoloġika. Seklu li b'dawn l-innovazzjonijiet kif ukoll bit-taqlib f'diversi kontinenti affetwa b'mod ta' l-għaġeb is-soċjeta tagħna.

Iżda wieħed m'għandux jinkwieta bl-innovazzjonijiet u bit-tibdil, imma wieħed jitħasseb dwar il-valuri li qed jintilfu kif ukoll dwar l-istil ta' ħajja li qed jgħixu l-insara ta' llum.

Ma' rridux inħarsu lejn il-futur li hemm jistenniena b'pessimiżmu; imma lanqas nistgħu noqgħodu b'idejna fuq żaqqna u naħsbu li m'hu qed jiġri jew jimbidel xejn. Għall-grazzja t'Alla l-knejjes tagħna għadhom frekwentati. Il-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd ftit huma dawk li jitilfuha. Il-festi għad għandhom sehem kbir fil-ħajja tagħna. Il-maġġoranza għadha tfittex żwieġ nisrani. Il-familji għadhom familji li jagħmlu ġieħ lill-pajjiżna.

Imma nistgħu nserrħu rasna fuq dan kollu? Il-valuri tagħna għadhom dawk li kellhom missirijietna? Dak li qed nagħmlu qed nagħmluh għax hekk drajna, jew għax hekk nemmnu? Il-ħajja nisranija tagħna hija qoxra artifiċjali biss? Veru li kulħadd, anke dawk li jintilfu f'dellirju ta' għajjat u ċapċip quddiem il-vara titulari, għadhom jgħożżu l-valuri awtentiċi tal-fidi nisranija? Veru li kulħadd, anke dawk li ma jaħsbuhiex darbtejn li jaqilbuha lis-sieħeb jew lis-sieħba tagħhom, jemmnu fil-familja magħquda? Veru li kulħadd, anke dawk li biex jiddevertu jaraw kull xorta ta' pornografija, jemmen li l-Kmandamenti t'Alla għadhom jiswew anke llum? Veru li kulħadd, anke dawk li avolja mħallsa tajjeb ma jagħtux siegħa xogħol, jemmnu li s-serq mhux biss dak li tieħu u mhux tiegħek? Jew qed ngħixu żmien ta' ipokrisija kbira?

Dan kollu għandu jħasseb lil kulħadd. Għalhekk huwa sewwa li matul din l-aħħar sena tas-seklu msejjaħ is-Seklu tal-Progress niflu u naraw jekk għall-fidi tagħna, li tant niftaħru bija, kien verament hekk, jew inkella kienx seklu li matulu tnawwarna minn ġewwa u ħassarna l-valuri veri tal-fidi nisranija.

***Il-Board Editorjali jixtieq lill-familji kollha tal-parroċċa, lill-emigranti u lill-ħbieb ta' din ir-rivista Milied ħieni u sena mimlija risq u barka.***

# *Messagg ta' l-Arcipriet Mons Ġuzeppi Farrugia*

Il-festi tal-Milied huma okkażjoni li fiha niftakru f'xulxin biex nifirħu b'xulxin u nixtiequ kull ġid lil xulxin.

Hu dan li rrid nagħmel jien waqt li niftakar fil-komunità Nisranija kollha li tifforma l-familja ta' San Ġorġ fir-Rabat, fil-gżira ta' Għawdex u lil hemm minnha saħansitra f'bosta artijiet li fihom jinsabu emigrati tant minn ħutna flimkien mal-familji tagħhom.

"Nixtieq Festi tal—Milied mill-aktar Qaddisa u Hienja...u s-Sena l-Ġdida mimlija b'Kull Barka mis-Sema lilkom ilkoll!"

It-tmiem tas-sena jġagħalna nidħlu daħla fina nfusna u niftakru li ż-żmien jgħaddi, u dak li jibqa' minnu hu l-frott ta' grazzja li nkunu għamilna mill-opportunitajiet ta' ħidma tajba li ż-żmien ikun ġab miegħu. Dan il-frott jiddependi mil-ħidma serja tagħna, mill-intenzjonijiet tajbin tagħna u mil-kollaborazzjoni tagħna mall-Grazzji li Alla kontinwament isawwab fuqna. Il-ħajja li ngħixu hi kollha kemm hi opportunità ta' grazzja biex ngħixu l-pjan li Alla għandu għalina bħala individwi u bħala membri tal-Knisja tiegħu fid-dinja tallum.

It-tifkira tal-miġja tal-Mulej fostna fil-persuna ta' l-Iben ta' Alla magħmul Bniedem permezz ta' l-Imqaddsa Marija Immakulata hi okkażjoni biex nifirħu bl-identità u d-dinjità ġdida ta' wlied ta' Alla li ngħatajna. Hi okkażjoni wkoll biex inġeddu l-impenn tagħna li ngħixu din id-dinjità ta' wlied f'dinja li ma tantx tgħinna f'dan, għax ma tapprezzax id-doni ta' Alla fl-istorja tagħna.

Is-sena 1999 hi l-aħħar sena ta' tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, meta nibdew t-tielet millennju ta' l-avventura Nisranija. L-avventura jew l-istorja umana tkun "Nisranija", jew "Kristjana", skond kemm nagħmluha hekk aħna l-Insara bil-ħajja tabilħaqq "Kristjana" tagħna.

U għalhekk dan hu l-awgurju ewlieni tiegħi għall-ġejjieni li wasal! Nawgura lill-membri kollha tal-Komunità Parrokkjali tagħna, lil ħutna kollha li magħna jifformaw il-Komunità Nisranija li titlob fil-Bażilika ta' San Ġorġ u lill-Ġorġjani kollha mxerrdin mad-dinja li s-sena l-ġdida tkun sena li ngħixuha tabilħaqq ta' Nsara, kburin bl-identità Nisranija tagħna u grati għad-dinjità ta' wlied Alla, ġenerużi ma' Alla li tant iħobbna u ġenerużi ma' xulxin fl-imħabba lejn xulxin.

Dan l-awgurju nagħmlu talba waqt li f'isimkom ilkoll nfittex l-interċessjoni ta' Marija Ommna u l-protezzjoni tal-Kbir Patrun tagħna San Ġorġ fuqna, f'din l-aħħar sena tat-tieni millennju tal-Fidi Nisranija fl-istorja tagħna l-bnedmin.

## *Donazzjonijiet b'risq ir-Rivista*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Giovanni Borg - Canada | Lm5 | Fr. Joseph Grech - California | Lm10 |
| George Borg - Canada | Lm5 | Anthony Grech - Michigan | $20US |
| Salvu Farrugia - Canada | $10 Can | Maria Portelli | Lm5 |
| Frank Schembri - Austr. | Lm5 | Mr&Mrs T. Aquilina | $100 Can |
| Carmel Galea - U.S.A. | Lm10 | | |

*Grazzi*

# 300 Sena mill-mewt ta' Mattia Preti

F'Jannar tas-sena 1999 taħbat it-300 sena mill-mewt tal-pittur Kalabriż magħruf Mattia Preti (1613-1699). Preti għandu bosta xogħolijiet mxerrdin ma' Malta u Għawdex. Ġo Għawdex l-aktar opra magħrufa tiegħu tinsab fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-kwadru titulari li sar fuq kummissjoni tal-gvernatur ta' Għawdex Fra Francesco de Cordoba fl-1678.

Dan il-kwadru sabiħ hu miżmum bħala wieħed mill-iprem teżori tal-Bażilika. Hu magħruf li ġie restawrat x'aktarx għall-ewwel darba mill-pittur Clemente Busuttil fl-1864. L-aħħar restawr li sar fuqu twettaq fi żmien l-Arcipriet Michael Cefai meta kien prokuratur tal-Bażilika Mons. Anton Grech Vella bejn s-6 ta' DIċembru 1971 u t-13 ta' April 1972 bl-għajnuna tas-Sinjorina Agata Barbara dak Iż-żmien Ministru ta' l-Edukazzjoni u tal-Kultura.

Kwadru ieħor ta' Mattia Preti, dak tal-Verġni Marija tal-Grazzja u l-Erwieħ tal-Purgatorju. Dan sar fl-1688 fuq kummissjoni tan-Nobbli Giovanni Gourgion li ġie restawrat fi żmien l-Arċipriet Mons. Salv Borg bl-għajnuna ħabrieka ta' Dun Charles Cini SDB li ġab għal ta' l-apposta minn Ruma żewġ restawraturi esperti f'dan it-tip ta' restawr.

F'Għawdex hawn kwadri oħra attribwiti lill-assistenti ta' Mattia Preti jew artisti nfluwenzati minnu. Dawn jinsabu fil-kunventi tal-Franġiskani Konventwali u ta' l-Agostinjani, fil-Kolleġjata tan-Nadur, fil-Knisja Arċipretali tax-Xewkija u jingħax f'xi dar privati f'Għawdex.

Hemm il-ħsieb li l-Kumitat Storiku Kulturali tal-Bażilika ta' San Ġorġ jikkommemora kif jixraq dan l-anniversarju.

# KUNSILL PARROKKJALI GDID

*minn* GEORGE CREMONA

F'dan l-aħħar żmien il-Bażilka ta' San Ġorġ ifformat Kunsill Parrokkjali ġdid. Il-preżentazzjoni tal-membri l-ġodda ta' dan il-Kunsill saret waqt Konċelabrazzjoni Pontifikali fil-21 ta' Settembru 1998. Inzerta ukoll li f'din il-ġurnata kienet ukoll qed tiġi iċċelebrata s-solennita ta' l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni ta' l-istess knisja.

F'diskors il-President il-ġdid tal-Kunsill is-Sur Antoinne Vassallo fisser x'inhuma l-skopijiet tal-Kunsill Parrokkjali. Dawn huma li jistudja is-sitwazzjoni tal-parroċċa u jagħti suggerimenti, jikkordina l-ħidma pastorali specjalment l-appostolat tal-lajċi u jwettaq il-ħidmiet li l-awtorita ekklesjastika tixtieq fil-parroċċa. L-Kunsill Parrokkjali għandu jagħti ukoll il-kontribut tiegħu ma' l-organizzazzjonijiet djocesani u jagħti sehem fil-ħtir ta' kumitati bħal tad-duttrina, tal-liturgija u tal-promozzjoni umana. Pero f'kull każ fejn jittieħdu xi deċiżżjonijiet l-aħħar kelma u deċiżjoni għandha tkun dik tar-ragħaj spiritwali tal-parroċċa.

L-lajċi imbgħad huma lkoll mistiedna biex isemmgħu leħinhom fil-kunsill biex imexxu l-quddiem il-ħidma pastorali.

Fid-diskors imbgħad is-sur Vassallo semma l-punt li l-Knisja universali tagħti importanza lill-Kunsill Parrokjali u dan narawh għax hemm kanoni shiħ dwaru u anke jissemma fil-Kodici tal-Ligi tal-Knisja. Importanti li nifhmu xi jkun xogħol il-membri tal-Kunsill. Dawn huma l-nies li qegħdin magħquda ma' l-arcipriet biex jitwettaq il-ministeru tal-Knisja, idea li bdiet tiġi żviluppata fid-digriet dwar l-Apostolat tal-Lajċi tal-Koncilju Vatikan II.

Għalhekk nistgħu ngħidu li fil-qosor xogħol il-Kunsill huwa li "jrid jibda bit-talb, ikompli bil-konverzjoni biex jimmatura waqt li jippjana bil-għaqal".

Is-sur Vassallo fiehem lill-membri ta' dan il-kunsill partikolar li kif qal hu stess " deħlin għal biċċa xogħol serja ġmielha! Irridu nistudjaw sew is-sitwazzjoni li mhix nieqsa minn problemi, jew aħjar, sfidi u opportunitajiet". Il-president ta' dan l-kunsill fiehem li waħda mill-problemi li ha jaffacja l-kunsill hi li "il-knisja parrokkjali tagħna ma tilqax fiha parruċċani tagħha biss izda wkoll membri ta' parroċċi oħra minn Għawdex u minn Malta - flimkien ma vizitaturi għal skop artisitku u turistiku". Problema oħra hi li "ir-Rabat hawn żewġ parroċċi b'territorju komuni, flimkien ma' diversi knejjes bit-tendenza li joholqu l-kommunita rispettiva tagħhom". Imbgħad il-president kompla li il-kunsill irid jieħu ħsieb mhux biss il-membri f'saħħithom iżda ukoll ta' dawk li għandhom inqas saħħa bħal ngħidu aħna l-foqra.

Wieħed mill-ewwel xogħol li ser jagħmel dan il-kunsill hu li joħroġ Mission Statement li hija stqarrija cara tar-raġuni ta' l-eżistenza tiegħu u liema huma l-miri u l-iskopijiet li jridu jintlaħqu.

Fl-aħħar il-Sur Vassallo qal " Hu essenzjali li dawk kollha li għandhom x'joffru ma joqogħdux lura; għal min ma jsibhiex facli jkellem lill-membri tal-Kunsill jew ta' xi kumitat se nagħmlu kaxxa apposta fejn jistgħu jitpoġġew suġġerimenti u kummenti oħra".

Is-segretarja ta' dan il-Kunsill Parrokjali s-sinjura Louise Camilleri imbagħad ippreżentat lill-membri tal-kunsill.

L-Kunsill Parrokkjali jiltaqgħa regolarment fuq bażi ta' darba fix-xahar u jiddiskuti suġġetti li jkunu jolqtu lill-Bażilka u lis-socjetà Maltija. ■



# Il-Milied

Tassew għandna għax nifirħu
F'dan iż-żmien sabiħ tas-sena
Għax għalkemm ix-xitwa magħna
Qalbna tfur kollha bil-hena.

Għax Diċembru jġib miegħu
It-Tifkira tal-Bambin
Illi twieled ġewa Betlem
Sabiex jifdi 'l midimbin.

Din il-ġrajja hekk ta' l-għaġeb
Għandha ssaħħar il kulħadd
u il-ferħ li ġġib magħha
Ma fissritu l-pinna qatt!

Ġewwa stalla, qalb ir-raba'
F'kesħa fina ġewwa għar
Ġesù twieled fuq ftit tiben
Għan-nifs sħun ta' baqra w ħmar.

F'nofs ta' lejl qtajjiet ta' anġli
Dehru jiġru mas-smewwiet
Ikantaw u dlonk iħabbru
Li fid-dinja l-paċi ġiet.

U tassew li din il-ġrajja
Bil-ferħ tqanqal lill-bnedmin
Għonja w fqar, kbar, żgħar u morda
Qalbhom jimla l-Bambin.

Ibqgħu żguri illi d-dinja
Li imxiet tant'l quddiem,
Qatt ma tasal li tagħtina
Dan il-ferħ li hu bla tmiem.

Din id-dinja t'hemm u gwerer
Kemm teħtieġ dan il-ferħ tiegħek!
Minn ġol-grotta fqajra w ċkejkna
Tħallihiex fit-tajn titmiegħek.

Dal-Milied, Ġesù nitolbok
Lilna lkoll għaqqad flimkien.
Minn fostn' eqred ġlied u għira
Illi jherru s-sisien.

Tal-familja, illi temmen
Li Fik biss issib is-sliem:
Bambin ħelu saltan fuqna
Inti biss taħkem iż-żmien.

***Kav. Joe M. Attard***
Rabat - Għawdex

# Tislima lill-Istoriku JOHN BEZZINA

Nhar il-Ġimgħa 27 ta' Novembru l-Arċipiret Mons. Ġużeppi Farrugia ppresieda Konċelebrazzjoni li fiha ħadu sehem il-Kapitlu u l-Kleru tal-Bażilika b'suffraġju ta' John Bezzina, iben il-Parroċċa u benefattur tagħha. Għal din il-Konċelebrazzjoni attenda l-Onor. Anton Tabone, Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, u s-Sinjura Tabone, kif ukoll il-Kumitat tas-Soċjetà La Stella u għadd kbir ta' bandisti u membri. Kienet preżenti wkoll il-familja ta' John.

L-aħbar tal-mewt ta' John Bezzina fis-7 ta' Novembru li għadda laqtitna hin bla waqt. Kien bniedem maħbub għall-karattru tiegħu, għall-bżulija tiegħu fix-xogħol, fir-riċerka storika, fl-istudju fil-kitba, għal-lealta' u għall-imħabba kbira tiegħu lejn San Ġorġ.

John Bezzina twieled fil-Belt Victoria fis-7 ta' Ġunju 1932. F'żogħżitu daħal mal-patrijiet Agostinjani u kien diġa qed jistudja ġo Viterbo meta biddel il-ħsieb u ftit snin wara Iżżewweġ lill-Maltija Mary u magħha fforma familja, b'żewġ ulied, familja magħquda u eżemplari.

Ħajtu għaddieha qalb il-kotba u fuq il-mejda jikteb. Ix-xogħol prinċipali tiegħu kien fil-Biblijoteka Nazzjonali, imma l-interess tiegħu fl-istorja ta' Malta u Għawdex daħħlu fil-qasam tal-kitba, tal-pubblikazzjoni u tax-xandir. Xejn li kellu x'jaqsam ma' l-istorja soċjali, folkloristika u reliġjuża tagħna ma kien jaħrablu u ismu u leħnu saru familjari magħna fuq medda ta' 50 sena ta' studju u riċerka storika.

Kif qal wisq tajjeb Mons. Arċipriet, John Bezzina kien benefattur ta' San Ġorġ. Ħaddem il-kapaċità intelletwali tiegħu u l-ħin disponibbli li kellu biex jiskopri l-istorja tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ u juri l-preminenza tagħha fl-istorja ekkleżjali ta' Għawdex. Ħadem id f'id ma' Dun Ġużepp Gauci u membri oħra tal-Kumitat Storiku tal-Bażilika biex l-istorja ta' San Ġorġ issir magħrufa u apprezzata.

Minkejja li John Bezzina kien joqgħod San Pawl il-Baħar Malta hu kien jiġI regolarment u ta' sikwit Għawdex u kif kien jgħid, daru kienet il-knisja ta' San Ġorġ. Il-Bażilika Ġorġjana kienet l-għaxqa ta' qalbu u l-mimmi t'għajnejh.

Għall-avvanz ta' San Ġorġ kien jaħseb dejjem u mill-bogħod. Kien hu li fi Frar ta' din is-sena ħareġ bl-idea li l-Arċipriet Cassar jitfakkar bħala l-parroku ta' San Ġorġ li kien, 'altrimenti ħadd ma jsemmih'. U hekk kien! U saru festi b'tifkira li fihom kellu jieħu sehem ukoll John Bezzina. Imma ma kellux ikun. Kien diġa ma jiflaħx u Alla sejjaħlu ftit wara. Insellmu lil John Bezzina u f'għaqda ma' l-Arċipriet nirrakkomandawh lil San Ġorġ li tant ħabb u li issa għandu x-xorti jħobbu mill-qrib u fil-ferħ tal-Ġenna!

# Rokna tat-Tfal

Għeżież Tfal,

Kif intom? Ilna ftit ma niltaqgħu. Imma dan mhux ħtija tagħna, iżda ta' xi ċirkustanzi li ma kellniex kontroll fuqhom. Issa, bil-għajuna t'Alla, erġajna ltqajna, erġajna ma' xulxin u nistgħu ngħidu kelmtejn bejnietna.

Issa li s-Sajf għadda - min jaf kemm għomtu u ddevertejtu, eh! - erġajtu lura lejn l-iskola, kulħadd fil-klassi ġdida tiegħu. Jinea nawguralkom sena tajba ta' xogħol u studju mill-aqwa u mill-aħjar. Irrid li lkoll kemm intom tagħmlu moħħkom hemm u ġġibu ruħkom ta' tfal bravi u kwieti fil-klassi. Irrid ngħidilkkom biex lill-għalliema tagħkom tħobbuhom, iġġibulhom rispett, turuhom li tgħożżuhom u li qatt ma tweġġgħulhom qalbhom, la bi kliemkom u lanqas bl-imġieba tagħkom. Ftakru ħuma kemm iħobbukom u kemm jagħmlu sagrifiċċji għalikom. Huma qatt ma jagħmlulkom xejn li bih jistgħu jweġġgħulkom qalbkom, għajr xi għajta jew xi kastig żgħir, wara kollox għall-ġid tagħkom.

Aqraw din l-istorja:

Ħafna snin ilu, f'Bagdad, kien jgħix Għarbi fqajjar li l-akbar xewqa tiegħu kienet li xi darba jara lis-sultan. Imma kif seta' jagħmel dan la qatt ma kellu x'jippreżentalu?

Darba kien għaddej mid-deżert... kien mejjet bil-għatx. Mexa u mexa bi sħiħ u fl-aħħar sema it-tgelgil ta' l-ilma ġieri. Resaq u xorob. Qatt f'ħajtu ma daq benna bħal dik. Bilġri ressaq il-flixkun tal-ġild li kellu u mtlih... bil-ħsieb li jippreżentah lis-Sultan.

U hekk għamel! Wara tlitt ijiem wasal il-palazz u talab li jara lis-Sultan. Ħaduh quddiemu u l-fqajjar offrielu l-flixkun u ħeġġu biex iduqu....waqt li żgurah li qatt ma kien daq ilma bnin daqshekk...ilma safi minn nofs id-deżert.

Is-Sultan kewwes ftit f'tazza żgħira u xorob. Stagħġeb b'dik il-benna. Ta' xejn il-korteġġjani ta' madwaru talbuh ftit ilma minnu ... ried li ħadd ma jduqulu. Imbagħad iżżiħajr lill-fqajjar. Meta dak telaq, is-sultan qalilhom.

"Dak l-ilma armuh għax ħazin. U għalhekk ma ridtkomx idduquh għax bżajt li tgħidulu lill-fqajjar li hu ħazin u b'hekk kontu tiksrulu u tweġġgħulu qalbu wara li bata tant biex ġabhuli sal-palazz".

Qegħdin taraw, tfal? Is-sultan ma ried bl-ebda mod iweġġa' qalb dak il-fqajjar. Hekk ukoll għandhom tagħmlu intom: ma tweġġgħu qalb ħadd, tkunu imberkin

Tata'

Iz-Ziju Peppi

# Attivitajiet Kulturali u Reliġjużi b'Tifkira ta' Dun Saverio Cassar

Nhar il-Hadd, 1 ta' Novembru, l-Onor. Ministru ghal Ghawdex, is-Sinjura Giovanna Debono, kixfet lapida fil-Bażilika ta' San Ġorġ f'Ghawdex, biex tikkommemora l-Arċipriet Saver Cassar li bejn Settembru u Ottubru 1798 mexxa l-qawmien ta' l-Ghawdxin kontra l-Franċiżi.

Il-lapida sabieħa tbierket mill-W.Rev. Mons. Joseph Farrugia, it-tnax il-ragħaj spiritwali tal-Parroċċa ta' San Ġorġ minn wara Dun Saver Cassar li kien mexxa l-Parroċċa ta' San Ġorġ bejn l-1773 u l-1805. F'dak iż-żmien, Dun Saver kien il-Pro-Vigarju ghal Ghawdex u Arċipriet tal-Kolleġġjata fil-Knisja Matriċi tal-Kastell.

Il-lapida saret biex jibqa' imfakkar ghal dejjem li Dun Saver wettaq il-ħidma patrijottika tiegħu b'risq l-Ghawdxin fiż-żmien li fih kien jgħix mal-poplu bħala l-parroku, jew kappillan, ta' San Ġorġ. Il-poplu għażlu bħala l-mexxej tiegħu għax kien jafu bħala r-ragħaj tiegħu.

B'tifkira ta' dan is-saċerdot saru diversi attivitajiet organizzati mill-Ministeru ghal Ghawdex, mill-Parroċċa tan-Nadur fejn tgħammed, u mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, il-knisja parrokkjali fejn trabba' ma' djul zijuh l-Arċipriet Ġakbu Galea li bagħtu jistudja Ruma u mbagħad laħħqu floku. Dawn l-attivitajiet saru b'ħidma sfiqa min-Nutar Dr Paul George Pisani LL.D., President tal-Kumitat Storiku Kulturali tal-Knisja Proto-Parrokkjali u Arċi-Matriċi ta' San Ġorġ, f'kollaborazzjoni ma' Dun George J. Frendo, Direttur tal-Kor Laudate Pueri u s-Soċjetà 'La Stella', bl-appoġġ tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria u organi u membri oħrajn tal-Komunità Parrokkjali.

Minbarra l-lapida kommemorattiva, ġew organizzati għadd ġmielu ta' attivitajiet kulturali li ġew imfaħħra minn kulħadd għall-livell għoli tagħhom. Għal dawn l-attivitajiet ġew mistiedna jattendu s-Sur Anton Tabone, President tal-Kamra tar-Rappreżentanti, l-Onorevoli Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, u s-Sindku tar-Rabat is-Sur Paul Galea. Kienu preżenti wkoll għadd ta' persuni distinti fosthom il-Viċi-President tas-Soċjetà 'La Stella' s-Sur George Borg u s-Segretarju tal-Banda s-Sur Joseph Borg, l-Onor. s-Sur Victor Galea Pace, il-Maġistrat Dr Paul Coppini, iċ-Chairman tal-Kunsill tal-Kultura s-Sur Joe Camilleri u oħrajn.



L-ewwel appuntament kien is-Sibt, 24 ta' Ottubru, għal kunċert fuq l-orgni antik tal-Bażilika, l-eqdem wieħed f'Għawdex, mill-organista ta' St Mary's Church ta' Oxford, Richard Vendome. Dan l-organista ġie mistieden biex jieħu sehem f'dawn it-tifkiriet minn Dun George Frendo, id-direttur tal-Kor Laudate Pueri. Vendome daqq xogħolijiet ta' Frescobaldi, Cornet, Philips, Balbastre, Buxtehude, Vidor u tal-kompożitur Għawdxi Joseph Vella li hu ukoll il-Maestro di Cappella tal-Bażilika fejn sar il-kunċert. L-attendenza għal dal-kunċert kienet waħda partikulari, udjenza li tapprezza dan it-tip speċjalizzat ta' mużika. Din il-kategorija ta' dilettanti qed tikber ħafna kif xehdet l-udjenza li attendiet għal dan il-kunċert.

Flimkien ma' Richard Vendome, ġie mistieden ukoll il-kor immexxi minnu jismu Oxford Girls' Choir. Dan il-kor, fl-okkażjoni ta' din il-ġimgħa ta' tifkira, nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru, ippreżenta l-opra f'att wieħed ta' H. Purcell "Dido and Aeneas" fis-sala ta' l-Oratorju 'Don Bosco'. Kienet l-ewwel darba li din l-opra ġiet ippreżentata f'pajjiżna. Minbarra l-Oxford Girls' Choir, ħadu sehem ukoll għadd ta' solisti rġiel, l-



*Mistiedna distinti waqt il-Konċelebrazzjoni fl-okkażjoni tal-Festi Kommemorattivi ad unur l-Arċipriet Dun Saver Cassar, Parroku ta' San Ġorġ*



*Il-Ministru għal Għawdex l-Onor Giovanna Debono tikxef il-lapida tal-Arċipriet Cassar*

Oxford Baroque Players u membri tar-Royal Ballet. Din l-opra reġgħet ġiet ippreżentata jumejn wara fis-sala ta' l-Università ta' Malta. Din ir-rappreżentazzjoni unika, u f'ċertu sens akkademika, ġiet milqugħa b'entużjażmu minn dawk li attendew għaliha u bi kritika tajba ħafna fil-ġurnali.

Il-Ħamis, 29 ta' Ottubru, il-Prof. Henry Frendo li jgħallem l-istorja moderna fl-Universita ta' Malta, ta "public lecture" fis-Sala tal-Wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex li fih għamel evalwazzjoni kritika tal-persunaġġ imfakkar fil-kuntest storiku kontemporanju tiegħu. Għal dan il-"lecture" attenda l-Arċipriet Mons Ġ. Farrugia u għadd kbir ta' nies li għandhom għal qalbhom il-kultura u l-istorja ta' Għawdex. Wara l-"lecture" qamet diskussjoni interessanti ħafna bejn il-kelliem u l-udjenza tiegħu.

Nhar il-Erbgħa, 28 ta' Ottubru, l-Oxford Girls Choir ta kunċert ta' mużika sagra fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. L-istess kunċert, imbagħad, ġie preżentat fil-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ nhar is-Sibt, 30 ta' Ottubru. Il-Bażilika kienet mimlija bin-nies u mistednin distinti. F'dawn iż-żewġ kunċerti li saru fiż-żewġ knejjes ewlenin fejn tidħol il-kultura ta' Malta u Għawdex, flimkien ma' l-Oxford Girls Choir, ħa sehem ukoll il-Kor Laudate Pueri tal-Bażilika. Ġiet esegwita mużika ta' Tavener, Tippett u l-kontemporanju Għawdxi Joseph Vella kif ukoll mużika sagra medjevali ta' kompożituri mhux magħrufa u kant bil-Latin tal-famuża Hildegaard von Bingen.

Mużika oħra ta' din il-kompożitriċi reliġjuża tas-seklu ħdax ġiet esegwita wkoll waqt il-Quddiesa Solenni li saret nhar il-Ħadd, 1 ta' Novembru. Din il-Quddiesa tmexxiet mill-Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Mons. Ġ. Farrugia, li qaddes flimkien mal-W.Rev. Kapitlu u l-Kleru tal-Kolleġġjata Lateranensi tal-Belt Victoria. F'din il-konċelebrazzjoni ħadu sehem ukoll li-Schola Cantorum Gregoriana tal-Bażilika taħt id-direzzjoni ta' Dun Joseph Mercieca. Għal din il-Quddiesa Solenni attendew Mr Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, il-Ministru għal Għawdex u bost persunaġġi distinti kif ukoll għadd kbir ta' parruċċani u nies minn barra r-Rabat t'Għawdex.

Fil-bidu tal-Quddiesa għamel diskors Dr. Paul G. Pisani li faħħar lil Dun Saver Cassar għal sehmu fl-istorja ta' Għawdex bħala parroku tal-belt tal-gżira. Dr. Pisani jixraqlu wkoll tifħir għall-inizjattiva li ħa biex titella' wirja dokumentarja dwar Cassar fl-istess Bażilika u għall-pubblikazzjoni ta' ktejjeb dwar id-dokumentazzjoni esebita.

L-attivitajiet b'tifkira ta' l-Arċipriet Cassar intemmu bir-rappreżentazzjoni tad-dramm 'Il-Qassis li Rebaħ' mibni fuq ir-rumanz storiku tal-mejjet George Scicluna, kittieb u studjuż ta' l-istorja mill-Belt Victoria. Dan id-dramm, dirett mis-Sur George Mizzi, ġie preżentat fit-Teatru Astra mill-Għaqda tal-Palk fi ħdan is-Soċjetà "La Stella". Prosit lid-direttur, lill-ħaddiema tal-palk, l-atturi u l-kittieba għal din ir-rappreżentazzjoni sabiħa u popolari ta' ġrajjiet ġensna.

Imma dan il-prosit jixraq ukoll lil dawk kollha, fosthom il-mibki l-istoriku John Bezzina, li ħadmu biex Dun Saver Cassar jiġi mfakkar fejn l-aktar għandu jitfakkar, jiġifieri fil-Bażilika ta' San Ġorġ, li kienet il-Knisja Parrokkjali ewlenija tal-poplu Għawdxi fi żmien il-ġrajjiet imsemmija, l-omm li minnha ħarġu l-parroċċi l-oħrajn kollha u l-benniena tal-kultura tal-gżira ta' Għawdex.

Il-lapida kommemorattiva tqiegħdet mall-ħajt tal-Bażilika fi Triq San Ġorġ, in-naħa ta' Triq l-Arċipriet Cassar li qabel kien jisimha Triq il-Provigarju. ●

# Ta' Min Isemmi Li:

**DUN ALFRED XUEREB** li studja l-filosofija u t-Teologija fis-sminajru maġġuri t'Għawdex u ġie ordnat sacerdot fis-26 ta' Mejju 1984. Ħa d-dottorat ta-Teologija bl-ispecjalizzazjoni fl-ispiritwalita. Għal erba snin kien vigarju parrokjali f'Ruma fil-Parroċċa tan-Nativita u għal sentejn oħra kien vigarju parrokjali fil-knisja tas-Sagrament f'Largo Agosta. Għallem ukoll ir-Reliġjon u bejn is-sena 1991 sa l-1995 kien segretarju tar-Rettur ta' l-Universita tal-Lateran. Ġie ukoll maħtur konfessur straordinarju fis-seminarju maġġuri ta' Ruma u fl-1995 laħaq ufficjal tas-'Segreterija di Stato'. Fl-1997 imbgħad inħatar 'Cappillano di Sua Santita. Jaf jitkellem l-ingliż, taljan, ġermaniż, portugiż u franciż. Dun Alfred laħaq ukoll kanonku ġdid tal-Bażilka tagħna.

~ ~ ~



**SISTER ANTONIA SAID** qiegħda fil-kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani. Hi qiegħda tgħix fil-komunita ta' Ruma taqdi dmira ta' sagristana, għalliema tal-Kindergarten u tagħti tagħlim tal-Katakeżi u tgħin fl-animazzjoni nisranija. B'dan il-mod tiltaqa u tagħmilha ma diversi tipi ta' nies u anke tgħinhom isolvu l-problemi tagħhom. Nitolbu għal Sister Antonia biex il-Muelj ikompli jgħinha fix-xogħol tagħha.

# Nifirħu Lill . . .

❑ **Rev DR JOE ZAMMIT** li dan l-aħħar intagħżel bħala Mħallef ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta.

❑ **DUN ANTON BORG** li laħaq cappillano di Sua Santita.

❑ **DUN FABIO ATTARD SDB** li ġie magħżul biex iwettaq xogħol bħala professur tal-Morali f'Ruma.

❑ **Mro JOE GALEA** li inħatar surmast tal-Orkestra Nazzjonali għal perjodu ta' zmien.

❑ **DUN GORG DEBRINKAT** u lill- **DUN FRANGISK VELLA** li laħqu kanonci ġodda tal-Bażilka ta' San Ġorġ.

❑ **DUN LOUIS BEZZINA** li laħaq direttur ta' l-Oratorju.

❑ **Is-sur PAUL M CASSAR** li laħaq vici Sindku.

❑ Liż-żewġ seminaristi ġodda **ARON FORMOSA** u **MARIO GEORGE CASSAR** li flimkien maż-żewġ seminarisi l-oħra **GEOFFRY GEORGE ATTARD** u **TONIO GALEA** qed jaħdmu biex il-parroċċa dejjem timxi l-quddiem u hekk jitkattar il-ġid fid-djocesi.

# "Fit-Toroq tal-Mulej"

## (Sulle Strade del Signore)

tal-Kardinal Carlo Maria Martini: pp. 304: Prezz Lm2.75: Stampat għand il-P.E.G. Ltd San Ġwann: *Maqlub għall-Malti minn Geoffrey G. Attard*

Il-Provinċja Kapuċċina Maltija għadha kemm ippublikat il-ktieb tal-Kardinal Carlo Maria Martini, Arċisqof ta' Milan, "Sulle Strade del Signore" - Fit-Toroq tal-Mulej - ġabra ta' 365 ħsieb, wieħed għal kull jum tas-sena.

Dan ix-xogħol - bis-sempliċità, iżda mhux mingħajr rikkezza u profondità - jintroduċina għat-tagħlim u l-ħsieb tal-wisq magħruf u maħbub, l-Arċisqof ta' Milan, il-Karidnal Carlo Maria Martini. Ir-riflessjonijiet li hemm miġbura fih huma għall-meditazzjoni ta' kuljum daqstant jispiraw daqs kemm dawn ikunu applikati. Waqt li jimxu xahar wara xahar, dawn il-passaġġi jeħduna fuq "vjaġġ mal-Mulej" permezz tal-ħajja nisranija u jfittxu li jdawlu l-mixja tagħna bili jkabbru fina għarfien u aċċettazzjoni tar-rigali ta' Alla. Ħarsitna u qalbna jinżammu msammra l-ħin kollu mas-sena liturġika.

Fuq talba tat-traduttur Geoffrey George Attard, riedet tkun il-Provinċja Kappuċċina Maltija jew aħjar il-Provinċjal Patri Philip Cutajar u iktar tard is-suċċessur tiegħu Patri Krispin Tabone li dawn il-ħsebijiet kollha nqalbu f'ilsienna u issa jinsabu miġbura fi ktieb tassew sabiħ u preżentabbli.

Kif itenni Patri Philip Cutajar fil-Preżentazzjoni tal-ktieb, dan ix-xogħol għandu jgħin lin-nisrani sabiex filwaqt li jibqa' jżomm lil Kristu bħala t-Triq, il-Verità u l-Ħajja, jiskoprih kif jista' fil-ħajja ta' kuljum u jiltaqa' ma dan Ġesù.

Il-ktieb iżomm suġġett għal kull xahar, waqt l f'ebda ħin ma jwarrab ir-riflessjonijiet tiegħu dwar is-sollenitajiet u ż-żmenijiet qawwija tal-Liturġija ta' matul is-sena li huma wkoll jiġu ntegrati fil-mixja nisranija tagħna, bħala Knisja flimkien mal-Mulej Ġesù.

Il-ktieb għandu kelmtejn ta' Daħla mill-awtur Malti (Għawdxi) innifsu li ma xtaqx iżomm għalih il-ġid spiritwali li joħroġ minn ktieb bħal dan w għalhekk daħal b'ruħu u b'ġismu għal din it-traduzzjoni li huwa ħadem fuqha matul il-vaganzi tas-sajf. Huwa għamel użu minn Malti ħafif u mexxej biex il-ktieb ikun jappella għal kulħadd. Kif jistqarr Geoffrey stess, lil Ġesù qatt ma nistgħu ngħidu li sirna nafuh biżżejjed imma ktieb bħal dan, miktub minn Bibblista magħruf bl-għan li jressaqna aktar lejn Alla, jista' jkun ta' għajnuna kbira għal min b'intenzjoni retta u b'qalb miftuħa berah għal Kristu, irid jersaq iktar lejh.

Nemmen li "Fit-Toroq tal-Mulej" għandu jsib postu f'dawk il-familji nsara kollha li jixtiequ jfasslu ħajjithom fuq il-passi ta' l-Imgħallem tagħna li huwa l-għajn ta' kull ġid. Ftit qari tajjeb ta' kull jum żgur li jagħmel ħafna tajjeb iktar u iktar fi żmenijietna meta ninsabu bbumbardjati min kullimkien b'tant mezzi ta' komunikazzjoni li mhux dejjem qed iwasslu l-veru messaġġ ta' Kristu.

Il-ktieb huwa l-ikbar ħabib tal-bniedem; ktieb tajjeb huwa Teżor: għożżu!

***Joe M. Attard***

**N.B. Il-ktieb jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Parrokkjali.**

# Għad-Dell tal-Bażilika...



Ix-Xewqa tiegħi li nkun abbati bdiet tikber fija minn meta kont għadni ta' ftit snin; niftakar sew il-kunvent tal-Franġiskani li fih nista' ngħid li ħadt l-ewwel interess tiegħi fil-Liturġija. Wara li għaddejt xi żmien abbati fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb ġewwa taċ-Ċawla, u madwar seba' snin fil-Knisja ta' San Franġisk, iddeċidejt li nidħol abbati mal-Piccolo Clero tal-Parroċċa. Sa issa kont diġa' għamilt għal sentejn wara xulxin il-priedka tal-Milied (San Ġorġ u San Franġisk), u kantajt għal sentejn l-Alma. U fil-fatt bil-għajnuna tas-seminarista Tonio Galea u ta' ħij stajt nara mwettaq dak li dejjem xtaqt - li nkun abbati tal-Parroċċa tiegħi. L-Ewwel quddiesa li għent f'San Ġorġ, bis-suttana u l-ispillizza kienet, tal-Milied tas-sena 1997, naturalment minn dejjem kont niffrekwenta l-għajnuna tal-quddies hawnhekk.

L-Ammirazzjoni tiegħi lejn dawk l-abbatini bil-faxxa ħamra madwar qaddhom kienet kbira, iżda bil-wsq akbar kienet ix-xewqa tiegħi li bħalhom inkun nista' mmur il-Vatikan. Għalhekk bdejt nipprepara f'kors immexxi min Rev. Giovanni Maria Curmi (Direttur tal-Abbatini Għawdxin) biex inkun nista' nagħmel l-eżami li seta' jwassalni biex inkun wieħed minn erba' Għawdxin li kienu se jmorru fuq servizz ta' abbatini fil-Vatikan. Fi ftit kliem l-eżami sar u fi ftit żmien bdiet l-iskola. Jum minnhom li fih kont ħiereġ mill-klassi għar-rikrejazzjoni, b'sorpriża kbira għalija, ġejt mogħti l-aħbar li kont ġejt magħżul biex mmur bħala abbati fil-Belt tal-Vatikan. Kbar u fantastiċi kienu ħsibijieti dak il-ħin, iżda dak il-mument għadda wkoll. Forsi għadda biex jagħti postu lil ġrajja memorabbli fil-ktieb ta' ħajti: propju ftit aktar minn ġimgħa qabel it-tluq tiegħi minn Malta ix-xorti riedet li kelli nikser idi (fil-fatt Santa Marija hekk kellha tarani), anke forsi ħtija tiegħi stess, iżda għall-magħmul m'hemmx kunsill. Biss għal kull problema hemm soluzzjoni, u għalkemm ħsibt li kont li kont tlift kollox, kont sejjer żball. Fl-aħħar wasal is-sbatax t'Awissu u lkoll tlaqna lejn Ruma. Fuq Fiumicino, il-Laudate Pueri kienu ġa rifsu ftit tal-ħin qabel.

F'Ruma, il-ħidma tiegħi u tat-tliet sħabi, flimkien ma' sittax-il abbati Malti, hawn fl-istat tal-Vatikan bdiet fit-tminatx tax-xahar, festa ta' Satn'Elena, fejn ta' kull filgħodu mas-sitta konna nkunu fuq saqajna sabiex, wara li nistejqru, ninżlu fis-sagrestija tal-Bażilika u hemm nagħtu l-għajnuna tagħna lis-saċerdoti li jidħlu biex iqaddsu fuq l-altari tal-Vatikan. Niftakar sew meta f'dik is-sagrestija għall-ewwel darba stajt nara kemm kanoniċi tal-Vatikan u kemm isqfijiet u saċerdoti kienu jidħlu ta' kull għodwa sabiex jiċċelebraw is-sagrifiċċju tal-Quddiesa. Sat-tmienja xogħolna kien ikun li, fuq il-bankunu tas-sagristija, nippreparaw il-kalċi ta' kull qassis, il-atena u l-palla, il-purifikatur, u l-korporal. Fuq tal-kalċi jitpoġġa velu u meta jkun hemm bżonn anke jimtela' pissidi mill-"orciolaio" li anke jipprepara l-impollozzi. Oħrajn jgħinu lis-saċerdot biex jilbes u anke jippreparawlu l-kotba jekk ma jkunx Taljan. Ġieli messni nixgħel l-altari u nippreparahom. Għal min ma jafx, fil-Bażilika tal-Vatikan hemm 36 altar li għaxra minhom jinsabu fil-kripti, li fihom jinsabu midfunin il-biċċa l-kbira tal-Papiet. Uħud mill-isbaħ latari li ta' min isemmihom huma ta' San Pio X, San Gregorio Magno,. La Trasfigurazione u s-Sacro Cuore. La Confessione hu l-altar prinċipali li jinsab taħt it-tribuna u li jqaddes fuqu l-Papa biss, iżd warajh jinsab La Cattedra li fuqu jiġu ċċelebrati bosta konċelebrazzjonijiet u quddies importanti. Il-ġurnata tal-Ħadd kienet tkun ġurnata mimlija dazqs bajda għalina l-abbatini. Filgħodu uħud minna kienu jattendu għal-Laudi fil-Cappella del Coro, u flimkien konna nieħdu sehem fil-Konċelebrazzjoni tad-disgħa w nofs fuq il-Cattedra. Imbagħad sakemm fil-ħamsa ta' filgħaxija isir l-Għasar kantat ilkoll konna nkunu mpenjati b'xi quddiesa jew oħra. Nhar ta' Sibt aħna l-abbatini konna nisimgħu quddiesa bil-Malti fil-kappella tar-residenza tagħna għand is-sorijiet tal-Pre Seminarju ta' San Piju X. Biss żgur li għalija kienet ġurnata speċjali l-jum meta attendejt għall-quddiesa li fiha kanta l-kor tal-Laudate Pueri, fil-fehma tiegħi, ilħna li qanqlu emozzjoni fl-udjenza ġol-



Bażilika. Tassew inhossni kburi li stajt ngħin il-quddiesa mmexxija mill-Kardinal J. Ratzinger u anke stajt neħodlu b'idu u nkellmu. Jien u sħabi oħrajn għinna wkoll il-quddiesa li fakkret għeluq sena mill-mewt ta' Madre Teresa kkonċelebrata minn kardinal ieħor - Pio Laghi, u li għaliha attendew fuq mitt isqof u saċerdoti. Tassew kien pjaċir għalina lkoll li ltqajna u anke tkellimna ma' tant isqfijiet. Biss żgur m'hux forsi li l-aktar avveniment importanti li nibqa' niftakar tul ħajti kollha hu l-udjenza li kelli mal-Q.T. Papa Ġwanni Pawlu II: għax, jgħidu li "la tkun Ruma tara l-Papa". Dak il-mument li fih tlajt fuq iz-zuntier tal-Bazilika sabiex neħodlu b'idu ma ninsih qatt. Anke saret il-vestizzjoni tagħna li fiha ngħatajna l-faxxa ħamra, li llum bil-ferħ inħaddan, minn isqof Amerikan u fil-preżenza tal-kardinal u arċipriet tal-Bażilika tal-Vatikan Noe li wasal biex isejħilna "kardinali ċkejknin". Sa ftit żmien wara l-Bażilika sirna nafuha kważi bl-amment....

Tlajna fuq il-koppla majestuża li żgur toffri xena sabiħa - m'hemmx għalfejn nispjega. Anke dħalna fil-Mużewe tal-Vatikan, f'kelma oħra fit-territorju tal-Cappella Sistina. Fil-ħajja tagħna ta' kuljum aħna l-abbatini konna nagħmlu l-meditazzjoni, il-katekiżmu, kien ikollna provi maċ-ċerimonier, mistrieħ, logħob fil-'gamesroom' u anke tal-ballun (b'idi miksura imma...), viżti u rużarju, qari ġenerali ua nke tip ta' lezzjoni li tissejjaħ "Latin for Today", (din ta' l-aħħar kienet tbeżża' lil ħafna minna, iżda fortunatament għamilna bħalha darba biss), ħruġ ta' kull filgħaxija għall-ġelat, għawm, u anke ikel (l-ewwel platt - 99% għaġin). Dun Alfred, membru tal-Presbiterju Parrokkjali Ġorġjan u segretarju fl-istat tal-Vatikan, ħa lilna l-Għawdxin dawra il-Vatikan li minnha tgħallimt ħafna. Anke l-ġenituri tagħna li telgħu għal ġimgħa attendew għal ħafna attivitajiet sbieħ. Insemmi wkoll il-priedki ta' kuljum. Kuljum wieħed minna kien jaqra komponiment li jkun għamel fuq i l-qaddis tal-jum. Jien messni fil-21 ta' Awissu jiġifieri fil-festa ta' San Piju X. Din il-priedka għadha għandi sal-lum u tibqa' tfakkarni f'kull ma għamilt fil-Vatikan.

Biss, nispiċċa billi nsemmi l-ħarġiet kulturali likien ikollna. Infatti aħna żorna l-Kolossew, il-Forum ta' Ruma, bosta knejjes f'Ruma, San Paulo Furo Le Mura, San Giovanni Laterano, Castel Sant'Angelo, Castel Gandolfo - ir-residenza tal-Papa għal matul il-jiem tas-Sajf (u anke il-bajja sabiħa ta' hawn), il-katidral ta' Viterbo, il-belt ta' Frascati - il-belt ta' l-inbid, u anke il-kunvent ta' Monte Cassino -il għolja siekta fejn jgħixu l-Benedittini. It-tifkira ta' dan kollu nibqa' ngħożżha f'kotba u stampi. Anke nixtieq nirringrazzja, l-ewwelnett lil Dun Frans Bonnici (Direttur tal-Abbatini), Dun Ġużepp Mifsud (Ċerimonier tal-kon-Katidral ta' San Ġwann), u lis-Seminarista Ryan Meilak (seminarista min-Nadur, illum jinsab fit-tieni sena tal-istudju tiegħu) li mexxewna f'din iż-żjara tagħna; lil dawk li jawqgħuna ġo Ruma, fosthom Dun Alfred Xuerreb, Dun Edward Vella u Dun Ġużepp Attard, u s-sacerdoti kollha li mill-Pre Seminario laqgħuna; Il dawk kollha li għenuni biex din xewqti tkun tista' sseħħ, b'mod speċjali Dun Giovanni Curmi; lill-Arċipriet Rev. Dr. Joseph Farrugia, lill-ġenituri tiegħi; lill-Komunità Parrokkjali li nkoraġġietni; u fl-aħħar iżda mhux l-inqas lill-Missier Alla l għazilni biex naqdih fil-ministeru ta' abbati. Iżda ma rridx ninsa nsellem lil sħabi l-abbatini kollha fosthom sħabi l-Għawdxin. Biss żgur li San Ġorġ kellu jkun biex jien inkun nista' ngawdi d-dell tal-Bażilika tal-Vatikan, 'il ġewwa mill-Gwardja Svizzera....

*Francesco Pio Attard*
Abbati

# L-Orkestra ta' Leipzig f'Kunċert memorabbli fil-Bażilika tagħna


Nhar is-Sibt li ġej,
26 ta' Settembru 1998, fis-7.00 p.m.
fil-Bażilika ta' San Ġorġ
se jsir

**KUNĊERT SINFONIKU**
mill-
**Felix Mendelssohn-Bartholdy Symphony Orchestra**
ta' Leipzig fil-Ġermanja.

Dan il-kunċert qed jiġi preżentat
mill-Kunsill tal-Kultura
(Ministeru għal Għawdex)
bil-kollaborazzjoni
tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata San Ġorġ.

***Kulħadd hu mistieden għal dan il-kunċert uniku u prestiġġjuż.***

Il-Bażilika ta' San Ġorġ akkwistat isem fil-qasam tal-kultura nisranija tant li hija meqjusa bħala ċentru ewlieni u prestiġjuż ta' inizjattivi kulturali mill-aqwa fil-gżira tagħna. Kunċert f'San Ġorġ hu garanzija ta' suċċess mhux biss mill-aspett tal-kontentu iżda fuq kollox mill-aspett ta' parteċipazzjoni tal-publiku li bi ħġaru jimla l-Bażilika anke kif igħidu bl-ingliż meta l-avviżi jsiru *at a short notice.*

Dan kien preċiżament il-każ tal-Kunċert ta' din l-orkestra famuża li minħabba d-diffikultajiet li nqalgħu minn xi wħud li għandhom viżżjoni magħluqa u settarja tal-kultura, l-avviżi għal din l-okkażjoni tad-deheb intbagħtu biss tlett ijiem qabel. Minkejja dan, l-isforzi ħabrieka u perseveranti tas-Sur Joe Cini mid-dipartiment tal-kultura (Għawdex) mgħejjun mill-organizzaturi ta' inizjattivi simili tal-Bażilika ta' San Ġorġ, taw il-frott bil-mija fil-wieħed.

Kull min kellu x-xorti li jattendi għal kunċert sinfoniku l fih l-Orkestra taħt id-direzzjoni għaqlija u preparata skrupolożament ta' Alan Chircop, tat esibizzjoni straordinarja tal-kapaċità fit-teknika u fl-interpretazzjoni kemm fuq livell ta' solsti kif ukoll fuq livell ta' unità orkestrali, kellu kliem ta' l-għola tifħir u sens ta' apprezzament u gratitudini li dehru fl-applawsi twal li ma riedu jaqtgħu b'xejn. Is-sbuħij atat-on u l-wisa' tad-dinamika tal-kuluri ta' din l-orkestra huma xi ħaġa ta' l-għaġeb. Kien ħasra li minħabba raġunijiet tekniċi, l-Orkestra għażlet li tinterpreta l-*Malta Suite* ta' Charles Camilleri minflok *Peter Gynt*. Dan anke minħabba l-fatt li ma kienx hemm paragun fil-livell intrinsiku tal-mużika bejn iż-żewġ siltiet klassiċi ta' Schubert u ta' Weber u dik ta' Camilleri.

Minkejja dan l-inkonvenjent, il-Kunċert sinfoniku mill-*Felix Mendellshn - Bartholdy, Symphony Orchestra* ta' Leipzig kein suċċess kbir li kompla jżid ma' l-isem ta' ġieħ li din il-Bażilika tgħna li dejjem kienet stmata bħala ċ-ċentru reliġjuż, liturġiku u kulturali ta' pajjiżna, illum qegħda tgawdi mhux biss mal-Maltin li jiġu jżuruna iżda wkoll mall-ħanfa residenti barranin li jqisu lill-Bażilika Arċi-Matriċi ta' San Ġorġ bħala post ta' kultura kbira.

# KUNCERT MIS-SCHUBERTBUND TA' ESSEN.



Nhar is-Sibt 10 ta' Ottubru 1998 fis-sebgħa u nofs sar kuncert mill-kor Schubertbund Essen Choir li hu magħmul minn 45 kantant maskili. L-għan ta' dan il-kuncert kien li jingabru fondi għall-Eden foundation ta' Għawdex. Il-kuncert ukoll ħadu sehem fih is-sopran americana Caroline Thomas u il-Baritnu Stafford Turner. Is-somma li ingabret matul dan il-kuncert kienet tammonta is-780 lira maltin. Dan il-kuncert kien organizzat mill-parroċċa ta' San Ġorġ u mill-Kunsill lokali tar-Rabat Għawdex.

# Il-Kor Laudate Pueri f'success kbir f'Ruma

Matul it-tielet ġimgħa ta' Awissu, il-Kor Laudate Pueri tal-Bażilika Arċi-Matriċi San Ġorġ Martri kiteb paġna ġdida oħra fl-istorja tal-mużika korali f'Malta. Il-kor kien il-mistieden ewlieni ta' l-organizzaturi tal-FARFA GIUBILEO FESTIVAL li sar f'Ruma bejn is-16 u it-23 ta' Awissu. Din kienet l-ewwel darba fl-istorja mużikali ta' pajjiżna li Kor Malti kien mistieden professjonalment sabiex jesegwixxi xogħlijiet miktuba apposta għal Festival Internazzjonali barra minn pajjiżna, li kellu bħala tema il-Paċi. Infatti, il-Kor esegwixxa xogħolijiet ta' kompożituri kontemporanji Taljani, liema kompożizzjonijiet jitolbu wkoll orkestra sinfonika. L-orkestra ta' matul il-festival kienet l-*Orkestra Sinfonika ta' Sarajevo* li daqqet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Riccardo Giovannini.

Il-kor ħa sehem fi tliet kunċerti ewlenin mgħotija fi tlett ċentri prestiġjużi ta' kultura: *La Chiesa degli Artisti* fi Pjazza del Popolo f'Ruma; id-Duomo *Regina Pacis* ta' Ostia u l-Abbazia famuża ta' Farfa. F'dawn it-tlett kunċerti straordinarji, l-Kor esegwixxa mhux biss l-mużika komposta għal Festival, iża wkoll kien mistieden jagħti kunċerti ta' mużika polifonika klassika u kontemporanea li għaliha kiseb isem ta' ġieh għalih, għal Bażilika tagħna u għal pajjiżna. L-udjenzi kbar li ħonqu l-Bażiliċi fejn saru l-kunċerti wrew l-apprezzament kbir tagħhom għal mod mill-aktar eżemplari u dixxiplinat tal-kant u l-istil eleganti u raffinat li bih il-kor, taħt id-direzzjoni ta' Dun George J. Frendo, għaraf jinterpreta x-xogħolijiet "a cappella". Il-Kor interpreta motetti sagri ta'; Palestrina, Allegri, Bartolucci u Vella.

Matul il-mawra tiegħu f'Ruma, il-Kor kien ukoll mistieden sabiex imexxi l-Liturġija Solenni tal-Festa ta' San Piju X fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Din kienet it-tieni darba li dan il-kor kanta waqt Quddiesa Solenni fil-Bazilika ta' San Pietru. Dan kien l-ewwel Kor Għawdxi li kanta f'San Pietru meta f'Novembru 1988 kien il-mistieden tal-*Confederazione*



*Mondiale degli Ex-Allievi di Don Bosco* li kienu qegħdin jagħmlu l-ewwel Kungress Mondjali tagħhom f'Ruma

F'din l-okkażjoni, il-Kor kien mexxa l-kant waqt Konċelebrazzjoni Solenni preseduta minn Don Egidio Vigano' li kien is-Superjur Ġenerali tas-Salesjani. Din id-darba il-Kor kellu l-unur li jiġi magħżul sabiex ikun hu li jmexxi l-Kant waqt Konċelebrazzjoni Solenni ppreseduta mid-delegat tal-Kardinal Don Virgilio Noe'. Matul il-Quddieesa il-Kor esegwixxa fost l-oħrajn, il-*Missa de Angelis* ta' Mons. Domenico Bartolucci, direttur perpetwu tal-kor tal-*Cappella Sistina*, li għandu rabtiet speċjali mal-Kor *Laudate Pueri* u mad-diriġenti tiegħu. Għal din l-okkażjoni kienu preżenti l-grupp ta' l-abbatini mid-djoċesijiet tagħna u fosthom kien hemm Francesco Pio Attard mill-parroċċa tagħna u Max Grech mill-parroċċa tal-Katidral. L-applaws spontanju li laqgħa l-aħħar silta li kanta l-Kor kien jindika l-appezzament u r-rikonoxxenza ta' l-Assemblea li baqgħet milquta bis-sbuħija u bil-perfezzjoni tal-kant. Fost il-Konċelebranti kien hemm ukoll żewġ Kanonċi Onorarji tal-Kapitlu tal-Bażilika Arċi-Matriċi tagħna, il-Mons. Dr. Dante Balboni u Mons. Dr. Alfred Xuereb mis-Segreteria ta' l-Istat tal-Vatikan.

Il-Ħadd 23 ta' Awissu il-Kor kien mistieden ikanta waqt Quddiesa Solenni ppreseduta minn Mons. Arc. Dr Ġużeppi Farrugia li miegħu kkonċelebra l-Arc. Emeritus Mons. Salv Borg, fil-Bażilika ddedikata lill-Martri San Vinċenz u San Anastasju fil-famuża Piazza Fontana di Trevi.

Matul il-permanenza tiegħu f'Ruma il-Kor żar ukoll postijiet ta' interess storiku u kulturali bħalma huma l-ArċiBażilika ta' Santa Maria Maggiore, l-ArċiBażilika ta' San Paolo fuor le Mura, il-Katidral ta' Ruma u tad-dinja San Giiovanni in Laterano, li miegħu din il-Bazilika tagħna għandha rabtiet speċjali u d-Duomo ta' Orvieto, fejn kellu wkoll l-okkażjoni tad-deheb li jesegwixxi siltiet mir-repertorju tiegħu, il-Kor kellu l-grazzja li jżur ukoll bliet ta' l-arti bħal ma huma Assisi u Firenze.

Din kienet tabilħaqq mawra ta' livell għoli li kompliet ssaħħaħ l-isem li jgawdi il-Kor Laudate Pueri fil-kamp tal-mużika polifonika sagra, mhux biss f'pajjiżna iżda wkoll barra minn pajjiżna. Il-grupp kien akkumpanjat mill-Arċ. Emeritus Mons Salv Borg (*tour leader*), li ġentilment u disinteressatament aċċetta l-istedina tad-diriġenti tal-Kor sabiex imexxi dan it-*tour*, Mons, Dr Guzeppi Farrugia *founder-member* tal-kor u Prof. Mro Joseph Vella, *Maestro di Cappella* tal-Bażilika u Surmast Direttur tal-Banda Cittadina *La Stella* u Direttur Muzikali tat-Teatru Astra, li għoġbu wkoll jikkomponi diversi xogħolijiet sagri polifoniċi għal Kor *Laudate Pueri*. ●